MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 221/1997/1

**Geoffrey Carachi**
**Vs**
**Saviour Fenech**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentata fil-31 ta' Jannar 1997, l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur gie mtajjar b'karozza misjuqa mill-konvenut nhar it-2 ta' Dicembru 1995 fil-By Pass tal-Marsa.

U peress illi dan l-incident gie kagunat mill-konvenut minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

U peress li kagun ta' dan l-incident l-attur sofra dizabilita permanenti fuq persuntu.

U peress li l-konvenut gie nterpellat mill-attur sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni izda l-konvenut baqa' inadempjenti.

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident premess u ghad-danni li sofra u li ghad irid isofri l-attur;
2. Tillikwida lill-attur dawk id-danni kollha li sofra;
3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dawk id-danni hekk likwidati.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez u bil-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut fil-11 ta' Novembru 2003 li biha eccepixxa hekk:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija dezerta a tenur tad-dispozzizzjonijiet ta' l-Artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti ma kellu l-ebda htija jew responsabbilta' ghall-incident illi fih l-attur allegatament soffra xi dizabilita' permanenti, u dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
3. Illi inoltre, u dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ma sofra l-ebda dizabilita' permanenti bhala konsegwenza ta' l-incident *de quo*;
4. Illi jsegwi illi ma hemm l-ebda danni x'jigu likwidati favur l-attur, fil-konfront tal-eccipjenti;
5. Illi jsegwi wkoll illi l-eccipjenti ma ghandux jigi kkundannat ihallas l-ebda danni lill-attur.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2004 il-kawza, wara trattazzjoni, thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni ghas-seduta tallum;
Ikkunsidrat

Illi dan il-gudizzju huwa limitat ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 963 tal-Kap.12 fis-sens li l-azzjoni odjerna hija dezerta.

Illi mill-atti jirrizulta li c-citazzjoni odjerna kienet giet prezentata fil-31 ta' Jannar 1997, u l-konvenut kien gie notifikat bl-atti, wara diversi tentattivi inutili da parti tal-attur, bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni, fl-14 u fis-19 ta' Mejju 2001 rispettivament [Fols.23 u 25].

Illi b' sentenza tal-24 ta' Ottubru 2003 din il-Qorti laqghet it-talba tal-konvenut ghal awtorizzazzjoni biex jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet.

Illi skond l-eccezzjonijiet il-konvenut qed jeccepixxi li l-azzjoni hija dezerta bazata fuq id-dispost tal-Artikolu 963. Dan l-artikolu jistipula li l-proceduri bil-miktub ghandhom jinghalqu fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur liema perijodu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni. Illi l-artikolu 158 (12) jiddisponi li l-proceduri bil-miktub jinghalqu mal-prezentata tan-nota tal-eccezzjonijiet jew mal-gheluq tal-ghoxrin gurnata mid-data tan-notifika tieghu.

Illi f' kaz li l-proceduri bil-miktub ma jkunux inghalqu fiz-zmien is-sitt xhur, quddiem Qorti tal-ewwel grad, il-kawza *"ghandha titqies bhala (i) kawza li tkun tqieghdet fuq il-lista ta' kawzi ghas-smigh, u (ii) bhala kawza li tkun b' ordni tal-Qorti thalliet sine die. Sa hawnhekk biss twassal l-espressjoni "shall…be deemed to be.' …Il-legislatur kjarament ried li jkun hemm il-pubblicita' tal-lista msemmija fis-subartikoli (1)(2) u (3) tal-artikolu 964 (bil-pubblikazzjoni ta' l-istess lista) qabel ma jkun hemm is-sanzjoni tad-dezerzjoni."* [1]

---

[1] *(Onor.Qorti Appell* ***Id-Direttur tal-Kuntratti vs Cleanwell Services Ltd*** *deciza 31 ta' Jannar 2003; vide ukoll Prim Awla (RCP)*

Dan johrog car mis-sub inciz (5)(a) tal-artikiolu precitat fejn jiddisponi *“and the provisions of articles 964 to 967 of this Code shall apply thereto;”* Fi kliem iehor, id-dezerzjoni mhux awtomatika kif appena jiskadi t-terminu fuq indikat.

Illi fil-kaz in disamina jidher car li hemm nieqes dak kontemplat fl-artikolu 964, u b’ mod partikolari ma hemmx il-prova li din il-kawza kienet tqieghed fuq il-*“Lista tal-kawzi sospizi fil-Qorti”* ai termini tal-istess artikolu; u ghalhekk, in mankanza ta’ prova li tali procedura kienet giet osservata, il-kawza odjerna ma tistax titqies bhala dezerta.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirrispindi din l-ewwel eccezzjoni bhala infondata fil-fatt u fid-dritt – bl-ispejjez ta’ din l-eccezzjoni kontra l-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

---

***Giovanna Antida Casha pro et noe vs Anthony Casha*** *deciza 27 ta’ Frar 2003 – u l-gurisprudenza kompjuza hemm indikata).*